MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 299/2001/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Frar 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta izzewgu fil-15 ta' April 1984 kif jirrizulta mic-certifikat anness;

Illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u nvalidu fil-Ligi;

Illi, l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tal-15 ta' April 1984 fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet w effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbal datat 25 ta' Settembru, 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta B, datata 22 ta' Novembru 2001, a fol. 13, fejn ecepit bir-rispett:

1. Illi *in linea* preliminari, c-citazzjoni attrici hija nulla ghaliex ic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni ma jikkonformawx mad-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 156 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili** b'tali mod illi l-eccipjenti ma' tistax tiddefenixxi din il-kawza b'referenza ghal xi aggravju jew allegazzjoni specifiku maghmul fil-konfront taghha;

2. Illi l-eccipjenti tifhem illi quddiem it-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta' giet milqugha petizzjoni pprezentata mill-istess attur li permezz taghha qed jitlob d-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg tieghu mal-eccipjenti, liema zwieg sar bir-rit Kattoliku u ghalhekk l-eccipjenti tirriserva illi teccepixxi illi din il-Qorti m' hijiex kompetenti sabiex tisma' dan il-kaz;

3. Illi fil-meritu huwa eccepit illi tali zwieg gie kontrattat mill-kontendenti regolarment u validament *a tenur* tal-Ligi applikabbli ghaz-zwieg hekk kontrattat;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 14 u fol. 15 tal-process.

Rat il-verbal datat 22 ta' Novembru 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 22 ta' Marzu 2002, fejn il-Qorti ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment diversament presjeduta ghall-11 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal tal-11 ta' Gunju 2002, fejn mistieden mill-Qorti Dr. Thake iddikjara li kien qed jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota fuq it-tieni eccezzjoni. Il-Qorti laqghat it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 4 ta' Gunju 2002 a fol. 20 fejn irtirat l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet taghha u talbet illi l-Qorti tirrevoka l-ordni taghha dwar in-noti ta' sottomissjonijiet u minnflok tghaddi sabiex anke kameralment taghti dawk id-digrieti generalment moghtija dwar gbir ta' provi bl-affidavit.

Rat id-digriet datat 14 ta’ Ottubru 2002, fejn il-Qorti revokat id-digriet taghha tal-11 ta’ Gunju 2002 u astjenit milli tiehu tali konjizzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta, *stante* li gew irtirati u sospendit il-prolazzjoni tas-sentenza u tat digriet tal-affidavit tal-partijiet b’ terminu ta’ erbghin (40) gurnata.

Rat il-verbal datat 14 ta’ Novembru 2002, fejn il-Qorti konfermat id-digriet taghha tal-15 ta’ Ottubru 2002. Il-Qorti nnominat lill-Perit Legali Dr. Noel Bartolo biex wara tali terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavits tal-partijiet jiffissa tlett seduti ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici u tlett seduti ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenut a spejjez provizorjament attrici u l-perit legali gie awtorizzat li jirrelata mhux aktar tard mid-9 ta’ Dicembru 2003.

Rat in-nota tal-attur A datata 2 ta’ Dicembru 2002, a fol. 26, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu u ta’ Laura Griscti.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 10 ta’ Jannar 2003, a fol. 35, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha.

Rat ir-rikors tal-attur A, datat 3 ta’ April 2003, a fol. 43, fejn talab umilment li din il-Qorti joghgobha taghti l-provvediment opportun, inkluz li tordna l-hrug ta’ mandat ta’ akkompanjament fil-konfront ta’ xi xhieda.

Rat id-digriet datat 3 ta’ April 2003, a fol. 44, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ordnat li jinhareg il-Mandat ta’ Skorta kontra Helen Borg ghas-seduta li kien imiss quddiem il-Perit legali.

Rat in-nota tal-konvenuta B, datata 12 ta’ Novembru 2003, a fol. 49, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Noel Bartolo minn fol. 54 sa fol. 74.

Rat il-verbal datat 9 ta' Dicembru 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Noel Bartolo nforma lil Qorti li r-rapport kien lest lu prezentah seduta *stante*.

Rat in-nota tal-attur A datata 21 ta' Jannar 2004, a fol. 78 li permezz taghha talab in-nomina ta' Periti Addizzjonali.

Rat ir-rikors tal-attur A, datat 30 ta' Jannar 2004, a fol. 80, fejn talab li din il-Qorti joghgobha tordna li l-affidavit tal-attur u ta' ommu Laura Griscti li gew ipprezentati fit-2 ta' Dicembru 2002 jigu sflizati mill-process numru 2267/99RCP u minflok jigu nseriti fil-process numru 299/01RCP fl-istess ismijiet u dan taht kull provvidiment opportun.

Rat id-digriet datat 2 ta' Frar 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 18 ta' Marzu 2004, fejn il-Perit Legali Dr. Noel Bartolo halef ir-rapport. Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghall-attur talab in-nomina ta' Periti Perizjuri *stante* li ma qabilx mal-approvazzjoni tal-fatti kif irrelata dwarhom Dr. Noel Bartolo. Il-Qorti staqsiet lill-attur jekk kienx ser jibqa' jinsisti fuq in-nomina ta' Periti Perizjuri, *considerando* illi l-kwistjoni kienet fuq approvazzjoni ta' provi u konsiderazzjonijiet legali li l-Qorti hija kompetenti dwarhom. Dr. Aaron Mfisud Bonnici rrtira t-talba u talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba u pprefiggiet terminu sal-15 ta' Mejju 2004 lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollhom sa l-ahhar ta' Lulju beix jirrispondu.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Noel Bartolo minn fol. 83 sa fol. 101.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 28 ta' Marzu 2004, minn fol. 102 sa fol. 104.

Rat in-nota tal-attur datata 23 ta' April 2004, minn fol. 106 sa fol. 111.

Rat il-verbal datat 6 ta' Ottubru 2004.

Rat ir-rikors tal-attur A, datat 5 ta' Novembru 2004, a fol. 114, fejn talab lil din il-Qorti biex joghgobha tammetti l-annessa nota ta' kritika fl-atti tal-kawza.

Rat id-digriet datat 17 ta' Novembru 2004, a fol. 115, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ordnat in-notifika ta' tali rikors lill-kontroparti.

Rat in-nota ta' kritika tal-attur A datata 5 ta' Novembru 2004 minn fol. 117 sa fol. 130.

Rat il-verbal datat 13 ta' Jannar 2005, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Marzu 2005.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

**Illi l-attur** xehed permezz tas-segwenti: (i) Nota guramentata annessa mac-citazzjoni, (ii) Affidavit tieghu stess, (iii) fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2003 xehed in kontro-ezami.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur jixhed illi l-partijiet saru jafu lil xulxin meta kellhom 18-il sena. Damu johorgu flimkien ghal 5 snin. F'dawn il-hames snin ma kienx hemm intimita' bejniethom. Sa dak iz-zmien dan il-fattur kien jarah bhala pozittiv pero' jghid li ma kienx jaf x'ser jigri l-quddiem. Jghid illi B kienet tinsisti li jizzewgu u z-zwieg kienet tassocjah hafna mal-possibilita' li jkollhom it-tfal. Izzewgu fil-15 ta' April 1984 meta kellhom 23 sena.

Illi l-attur jghid li z-zwieg taghhom mill-ewwel beda hazin peress li dakinhar taz-zwieg hija rrifjutat li tkun intima mieghu. Jghid li malli gew lura mill-*honeymoon* hi bdiet rutina li tnaddaf id-dar sa tard bil-lejl – jghid li dan kien mezz kif hija kienet tevitah.  Jallega li B qatt ma kienet tkun trid tkun intima mieghu u hin flimkien ma kellhomx. Hi kienet tirrifjuta li tara TV mieghu jew li tpoggi hdejh. Skond hu B kienet tghidlu li l-att taz-zwieg huwa mahmug u hazin u ghadda hafna zmien fiz-zwieg qabel ma kienu bdew ikunu ftit intimi.  Huwa jghid li B kienet ammettiet ma’ ommu u ma’ zijtha li hi ma kinitex tkun trid tkun intima mieghu. Fil-fatt huwa jghid li zijtha Helen Borg kienet qaltlu li semghet lil B tghid li hija ma riditx taghmel l-att taz-zwieg mieghu hlief biex ikollhom it-tfal.  Jghid illi fil-fatt kien meta ddecidew li jkollhom it-tfal li kien qed ikollhom intimita’ bejniethom.  Skond l-attur pero’ anke f’dan iz-zmien, huma kien ikollhom x’jaqsmu ma xulxin skond meta B tkun ikkalkulat il-granet fejn fihom tista’ tinqabad tqila.  Malli twieled it-tifel kienet tirrifjutah ghal xhur shah. Kien biss meta ddecidew li jkollhom it-tieni tarbija li regghet accettat li jkollhom x’jaqsmu.  Wara li pero’ kellhom it-tieni tarbija hija kienet dejjem tirrifjutah u bil-kemm tkellmu.

Illi f’dan iz-zmien, jghid l-attur, kull meta kien ikun id-dar hija taqbad tnaddaf u taghmel il-facendi sa tard bil-lejl – anke sal-11:00 pm.  Kull meta kien jitlobha tieqaf u tqatta hin mieghu, kienet tibqa ghaddejja.  Kien hemm zmien fejn l-attur qabbad seftura sabiex tghinha, pero’ skond hu, l-konvenuta baqghet xorta – tnaddaf wara s-seftura.  Din l-attitudni gieghlitu jahseb li martu kienet omosesswali, izda meta staqsiha jekk kinitx omosesswali hija cahdet.

Illi huwa jghid li huwa kien jahdem il-bank u allura kien ikun id-dar kmieni. Pero’ skond hu, avolja kien ikun id-dar B ma kinitx taghti kasu, bir-rizultat li hu qiesu dejjem wahdu.  Dan kien cirka 10 snin wara z-zwieg. Kien ghalhekk li qabad jistudja biex jimla l-hin.

Illi l-attur jixhed li ppruvaw imorru *counselling*, pero’ dan aktar accentwa l-problemi intimi li kellhom, tant li skond l-attur ghand kull min kienu qed imorru bdew jghidulha li l-

intimita ta’ bejniethom kienet importanti. Hi kienet tirrabja ghal dan. Huwa kien wasal f’punt fejn hassu kompletament maqtugh mill-familja u qal li beda jibza’ jiekol id-dar ghax haseb li taghmillu xi haga u ma kienx jorqod ghax beza’ li tghamillu xi haga waqt l-irqad. Wasal f’punt fejn huwa jghid kellu jitlaq mid-dar. Fil-fatt huwa jghid illi:_

*“Jien qatt ma kont nitlaq minn dari u minn ma’ familti li kieku ma gejtx sfurzat bl-attitudni ta’ marti”.* Jghid ukoll *“jien domt tlettax-il (13) sena qabel ma tlaqt mid-dar ghaliex jien ma ridtx li z-zwieg tieghi jispicca bhal dak tal-genituri tieghi li kienu sseparaw”.*

Illi l-istess attur isostni li meta telaq B bdiet tinsisti sabiex huwa jmur lura d-dar u skond hu ppruvat taghti raguni ghala kienet tirrifjutah. Huwa jghid illi hija qed tikkontesta l-annullament ghaliex trid li f’wicc in-nies tibqa’ tidher mara mizzewga u ghaliex avolja tahdem trid tibqa’ tiehu manteniment minghandu. Jghid li huwa qatt ma ddiskuta l-problema ta’ intimita’ ma’ hadd peress li beda jahseb li kellu xi difett hu u ghaliex kien ihossu umiljat hafna.

Illum huwa jhoss li B ttradietu meta zzewgitu, peress li ma zzewgitx biex tkun martu imma biex ikollha stat socjali ta’ mara mizzewga. Jghid ukoll li hi diversi drabi ammettiet mieghu li hi kienet thobbu bhala omm mhux bhala martu u li kien ghalhekk li kienet tevita l-mumenti intimi ta’ bejniethom. Huwa jghid li kieku kien jaf x’kienet se tkun l-attitudni ta’ B lejh, ma kienx jizzewwigha.

Illi fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2003 l-attur xehed in kontro-ezami fejn qal li dakinhar tat-tieg ma kellhomx x’jaqsmu ghax hi qalet li kellha l-*period*. Minghalih lanqas l-ghada ma kellhom x’jaqsmu pero’ jiftakar li f’xi zmien waqt il-*honeymoon* l-Ingilterra kellhom x’jaqsmu. L-ammont li kien ikollhom x’jaqsmu beda biz-zmien dejjem jonqos. Pero’ jghid illi meta kollhom it-tarbija xorta baqa’ jkollhom relazzjonijiet xi darbtejn fix-xahar. Jghid li meta kien ikollu *training* tal-basketball xi 3 darbiet fil-gimgha dan kien ikun mis-7:00 pm sad-9:00pm. Il-loghob kienu jkunu fil-*week-end.*

Illi **l-konvenuta** xhedet permezz tas-segwenti: (i) Nota guramentata annessa mal-eccezzjonijiet, (ii) zewg affidavit taghha stess, (iii) fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2003 xehdet in kontro-ezami, (iv) fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2003 xehed Fr. Alfred Sacco imtella mill-konvenuta.

Illi fl-affidavit taghha tal-10 ta' Jannar 2003, il-konvenuta tghid li saret taf lill-attur meta kellha 18-il sena u ltaqu meta kienu johorgu fl-istess klikka. Damu b'kollox johorgu flimkien qabel izzewgu 5 snin – wara 3 snin tgharrsu. Is-sentejn l-ohra ippreparaw ruhom ghaz-zwieg. Marru l-kors ta' Kana, missierha xtralhom dar li bieghu waqt iz-zwieg u xtraw ohra u l-genituri taghha hallsulhom it-tieg.

Illi hija tghid illi waqt l-gherusija kienu jiltaqghu kulljum peress li wara x-xoghol, huwa kien kulljum imur jaraha ghand il-genituri taghha. Fil-*weekend* kienu johorgu hafna drabi mal-grupp ta' nies li kien jilghab basketball maghhom.

Illi l-istess konvenuta tghid li l-attur kellu relazzjoni tajba hafna mal-genituri taghha u kien iqattgha hafna hin ghand il-genituri taghha. Ma tiftakarx li kellha xi argumenti kbar waqt l-gherusija anzi kienet gherusija normali peress li kellhom l'istess gosti. Dwar dak li qal hu fl-affidavit tieghu, tghid illi fl-ewwel lejl taz-zwieg ma kellhiex x'taqsam ma' zewgha peress li kien dak iz-zmien tax-xahar fejn ma kienx possibbli ghaliha li tkun intima ma' zewgha. Pero' wara li ghadda dak il-perijodu, kollox sew.

Illi hija tghid ukoll illi ghamlet zmien tghin lill-missiera fil-hanut pero' zewgha kellu hafna impenji apparti x-xoghol u generalment ma kienx ikun id-dar meta hi tirritorna mill-hanut. Tghid li fil-bidu kienu jahdmu t-tnejn peress li bhal kull koppja li tkun ghadha tizzewweg tkun trid il-flus. Hija pero' waqfet tahdem meta kellhom it-tieni tarbija.

Illi b'referenza ghall-affidavit tal-attur tghid li vera kienet tqatta' hin twil tnaddaf pero' dan ghax A kien bhalha jhobb kollox ordnat u allura kienet taghmel dan biex

tikkuntentah. Hu qatt ma gerger. Tichad li hija kienet b’xi mod tuza t-tindif biex tevita lill-zewgha. Tghid illi A kien dejjem jikkumplimentaha ghal fatt li kienet tiehu hsieb il-familja u d-dar. Tghid li meta kellhom it-tfal, ix-xoghol taghha kompla jizdied peress li apparti l-hanut u d-dar issa kellha x’tiehu hsieb it-trobbija tat-tfal u l-attur ma kienx jghinna f’dan ir-rigward. L-attur ma kienx jippartecipa fl-affarijiet tad-dar imma wara x-xoghol, jew *basketball,* jew *tennis* u fl-ahhar spicca b’*course* tal-komputer.

Illi fl-ahhar tan-1996 missierha xtaq li ghas-spejjez tieghu jiehu vaganza lill-familja kollha tieghu inkluz huma bit-tfal u hut l-attrici zwieghom u t-tfal. Gara li A kellu xi progett tal-komputer li ried ilestieh u ghalhekk ipposponew il-vaganza ghal Frar 1997. Fil-fatt Frar 1997 marru u ghaddew btala trankwilla. Jumejn wara li gew lura mill-btala A qallha li kellu jsiefer l-Amerika ghax ried jiftah *business* tal-*computers*. Kellu jiltaqgha ma’ certa Catherine li kienet Filippina u kien sar jafha bl-internet. Meta gie lura, B sabitlu maktur ta’ mara ma hwejjgu u l-brush tieghu b’xaghar iswed li ma kienx tieghu. Mistoqsi dwar dan hu qallha li kienu tal-Filippina li ratha stramba hafna meta wiehed iqis li A huwa persuna ordnata u ma jhobbx lil hadd imisslu hwejgu specjalment affarijiet personali tieghu. Tghid li haga ohra stramba hi li minn meta gie lura mill-Amerika qatt ma kien semma l-business tal-computers izjed.

Illi tghid illi meta A isemmi li huma marru ghal *conselling,* dan kien fl-ahhar xhur, qabel ma nbdew il-proceduri tas-separazzjoni u mhux matul iz-zwieg. Hi kienet marret ghand Father Sacco f’Awissu 1997. Hija tghid li marret ghand Father Sacco wara li A kien qalla *“ghidli xi trid halli nitlaq”*. A kien irrabja hafna meta cempillu l-father, pero’ wara mar ikellmu. Wara Father Sacco A ried li jmorri jkellmu *consellor* iehor. U fil-fatt marru ghand Father Savio Vella, pero’ l-problemi hemm baqghu anzi kibru ghax A kien qed ikun dejjem aktar nervuz u ma jkellem lill-hadd. La jiekol id-dar. Sa dan iz-zmien hija ma kinitx ghadha taf ghala A ried jitlaq u qatt ma kien semmielha l-problema tal-intimita’. Huwa kien jigi mix-xoghol, imur

ghand ommu, jirritorna d-dar tard bil-lejl u jibqa' sas-sieghat bikrin ta' fil-ghodu fuq l-internet.

Illi f'Ottubru 1997 bdiet tissuspetta li kien qed jahbilha xi affarijiet. Irnexxielha tiftahlu l-*brief case* u hemm sabet korrispondenza ma' bank barrani li kienu juru li huwa kellu ammont sostanzjali ta' flus akkumolati waqt iz-zwieg u struzzjonijiet sabiex dawn jigu trasferiti fuq ommu. Meta rat hekk indunat li A kien qed jippjana li jitlaqgha. A kien issa anke qed jorqod ghalih fuq is-sufan. Idum barra. Skond hi l-attur kien qed jghin lil huh fil-problemi matrimonjali tieghu li wkoll kien telaq mid-dar fl-istess zmien. A telaq mid-dar fil-5 ta' Novembru 1997.

Illi l-istess konvenuta tixhed li f'xi Dicembru 1997 A mar xi hames gimghat l-Amerika minghajr ma avza lill-hadd. Meta gie lura staqsietu jekk kienx iltaqgha ma' Catherine u huwa qallha li kien iltaqgha maghha. F'Awwissu 1998, kienet cemplitilha din Catherine mill-Amerika biex tara kif kienu hija u t-tfal taggha peress li kienet koncernata dwar il-*benessere* taghhom u qaltilha li kienet qed thoss il-kuxxenza tniggisha u li issa kienet qed terga' tipprova tirranga mal-gharus li kellha.
Illi fit-12 ta' Novembru 2003 il-konvenuta pprezentat affidavit iehor li skond hi kellu l-ghan li jiccara certi allegazzjonijiet li kienu saru fuqha mill-attur fl-affidavit tieghu u fil-kors tax-xhieda tieghu. Il-Qorti tinnota illi jirrizulta li qabel ma ghamlet l-ewwel affidavit taghha (tal-10 ta' Jannar 2003) l-attrici gja kienet fil-pussess tal-affidavit tal-attur tant li hija f'diversi partijiet tal-ewwel; affidavit, tixhed b'referenza u in risposta ghall-affidavit tal-attur.

Illi fit-tieni affidavit il-konvenuta tghid li mhux minnu li hi zzewget lill-A biex issir omm u jkollha stat ta' mara mizzewgha, imma biss ghax kienet thobbu, riedet tkun omm uliedu u tixjieh mieghu. Il-konvenuta tghid li A ghamel numru ta' allegazzjonijeit foloz li dwarhom hija xehdet is-segwent fis-sens li hija tghid li mhux minnu li qatt qaltlu li habbitu bhala omm u qatt ma habbitu bhala omm izda bhala zewgha. Hi ma kinitx 'tevita' l-mumenti intimi ma' zewgha. Tghid illi kien ikollhom x'jaqsmu

regolarment fil-bidu taz-zwieg izda mbaghad meta twieldu t-tfal l-intimita naqset. Hi tghid li hi kienet tistenna l-mumenti intimi bil-herqa pero' hu kien li jevita – daqqa basketball, tennis, etc. Apparti minn hekk meta dahal il-computer kien jorqod wara nofsinhar biex imbaghad idum sa tard bil-lejl imqajjem fuq ic-*chatlines*. Tghid illi hija kienet taghmel il-facendi ghax hekk hemm bzonn u hu qatt ma gerger, anzi kien igerger jekk kollox ma jkunx f'postu. Tghid illi kien bid-delizzji tieghu li huwa cekken il-hin disponibbli ghall-intimita'. Tghid illi kull meta A kien ifittixha ir-relazzjonijiet taghhom kienu spiss mghagglin u qishom qed isiru biss ghalih. Meta gieli ffacjatu dwar dan huwa kien jghidilha li ma setghax jikkontrolla.

Illi hija tghid li minn mindu telaqgha hi qatt ma harget (wisq anqas raqdet) ma' ragel iehor. Hu pero' hareg ma' diversi nisa u bhalissa qieghed ma' ohra. Meta telaq ippruvat taghmel minn kollox biex tirranga u sa ftit ilu kienet tkun lesta taccettah lura. Ghalkemm illum le. Tghid li l-allegazzjoni li hi kienet tiggieled mieghu ghal xejn b'xejn hija redikola.

Illi tghid ukoll illi z-zwieg taghom huwa wiehed validu u li hija ma kienet tbaghti minn ebda difett li jirrendi z-zwieg null. Il-fatt li z-zwieg falla huwa biss suggett ta' qsim il-qalb.

Illi fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2003 il-konvenuta in kontro-ezami xehdet: illi hija ma kinitx taf x'kienet il-problema li beda jilmenta minnha A u kienet haditha bhala sorpriza meta kienet issemmiet l-ewwel darba quddiem il-*counsellors.* Taqbel li kien hemm zmien fejn l-attur kien igerger maghha li tkun tnaddaf sa tard bil-lejl, pero' tghid dan kien biss fl-ahhar tlett snin. Meta kien jilmenta kienet tghidlu biex imur jghinna halli tispicca qabel pero' hu ma' kienx imur. Kien A li ssuggerixxa li jgibu *maid* darba kull hmistax u l-ghan tieghu li hija jkollha aktar hin ghaliha kien irnexxa. Dan il-hin extra kienet tuzah jew bhala hin liberu ghaliha jew tohrog mat-tfal. Biex tiehu hsieb lit-tfal kellha tabbanduna l-uniku delizzju li kellha li hu dak tal-arrangamenti tal-fjuri. Hija tghid li meta marru jkellmu lill-Father Sacco l-ilment ta' A ghala ried jissepara kienet l-

intimita ta’ bejniethom, pero’ kienet l-ewwel darba li qed tisma dan l-ilment u kienet lesta tirranga. Wara l-*counselling* hasbet li n-nuqqas ta’ intimita kien gej mill-fatt li hi ghandha *small shape* u kitbitlu ittra f’dan is-sens. Hija tikkonferma li Dok. “PG1” pprezentata mill-attur waqt il-kontro-ezami taghha, hija ittra li kienet kitbet hi stess lill-A u tghid li l-*feeling* li hemm deskritt fl-ittra kienet thossu mill-bidu nett taz-zwieg u anke qabel.

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Novembru 2003 **Father Alfred Sacco** xehed li sar jaf lill-partijiet meta B marret tkellmu dwar il-problemi fiz-zwieg taghhom u allura lejn l-ahhar – fil-fatt kien involut fin-1997. Jghid li meta avvicina lil A ma tantx kien ha gost pero’ wara mar ikellmu. Father Sacco jghid li kien hemm problemi ta’ nuqqas ta’ qbil dwar hinijiet fis-sens li B kienet iddum tnaddaf. Il-problema tad-tindif tad-dar kienet tidher li hi wahda rikorrenti. Issemma wkoll li hu kien ihobb jiccetja bl-internet. B, fl-opinjoni ta’ Father Sacco, riedet tipprova ssalva z-zwieg pero’ “*A kien hemm question marks dwar is-sitwazzjoni li sab fiha fiz-zwieg u cioe’ ghalih kien jidher li z-zwieg ma setax jigi salvat. A kien isemmi bhala raguni ghala z-zwieg ma kienx salvabbli, apparti t-tindif, ……. problemi intimi”* fis-sens li kull meta jersaq lejha mhux dejjem tkun trid. Dwar din il-problema huwa kellem lil B u fissrilha dwar l-importanza tal-intimita bejn il-mizzewgin. B, jghid father Sacco, konfrontata b’dak li kien qed jghid A qatt ma qaltlu li dak li kien qed jilmenta minnu A ma kienx veru. Pero’ ir-ragunijiet li hija taghtu ghala hi kienet toggezzjona (ma kienux dawk li qed isemmi l-attur cioe li hi kienet thobbu bhala omm, imma) kienu li z-zwieg mhux bbazat fuq is-sess imma fuq affarijiet bhal rispett u djalogu. Father Sacco jghid *“Bejniethom kien hemm bracket shiha ta’ nuqqas ta’ komunikazzjoni ez. jghixu taht l-istess saqaf pero’ qatt ma ntegraw bejniethom fl-epoka meta gew ikellmuni. Ma kellhomx bizzejjed quality time”.*

Illi Dok. “PG1” ipprezentat mill-attur hija ittra miktuba mill-konvenuta u ndirizzata lill-attur liema ittra giet kkonfermata mill-istess konvenuta bil-gurament waqt ix-xhieda taghha in kontro-ezami fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2003. Illi ghalkemm din l-ittra m’hiex datata il-probabilita’ hi li

nkitbet mill-konvenuta wara l-5 ta' Novembru 1997 peress li fiha hemm referenza ghal kif hassitha hi meta A telaq mid-dar u A telaq mid-dar fil-5/11/1997.

## (II) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attur qal li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qieghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fl-istess premessi l-attur sostna wkoll li l-kunsens tieghu ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga liema premessa qieghda tirreferi ghall-artikolu **19(1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

***"Artikolu 19 (1):*** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(c)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha

mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** jinghad li l-kuncett tad-diskrezzjoni ta' gudizzju "*supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* . *"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** ***"*****in l'immaturite et le consentement matrimonial*****"*** **(**pg. 54-55**)** jghid is-segwenti:- *"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999); **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta'

Gunju 2002; **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002; **“Romina Zammit vs Paul Zammit”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002).

Illi fF’dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **“Josette Lungaro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta’ V***iladrich*** li jghid:-

“*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”. **(Viladrich, P.J.*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated”** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) gie spjegat:-

*“Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive*

*and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dan kollu jrid jittiehed fil-kuntest ta' dawk li fil-gurisprudenza nostrali gew dejjem ikkunsidrati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

"*Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghti t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'. Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indissolubilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-' communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dwar il-premessa l-ohra, il-Qorti tirrileva illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi direttament fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:- *"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' elementi :- i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti l-ohra; ii) li il-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti l-ohra; iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti qarrieqa, u iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

<u>**(III) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**</u>

Illi applikati dawn il-principji kollha ghall-kaz in ezami jidher li mill-provi prodotti l-attur ma rnexxielux jipprova l-qerq. Il-provi anzi juru l-kontrarju u cjoe' li partijiet kellhom gherusija serena u normali u twila bizzejjed biex isiru jafu lil xulxin, fil-fatt huma damu 5 snin johorgu flimkien u l-konvenuta tghid kienu jiltaqghu kuljum – haga li qatt ma giet innegata mill-attur. Ma gie ppruvat xejn li sehh waqt iz-zwieg u li fixkel serjament iz-zwieg u li l-attur gie mqarraq dwaru qabel iz-zwieg.

Illi apparti minn dan kollu l-attur naqas milli jindika skond hu x'kien dan il-qerq, meta gie allegatament perpetrat u kif dan l-allegat qerq impedixxa jew fixkel serjament il-hajja

mizzewga. Dawn huma kollha elementi li kien jinkombi fuq l-attur li jipprova sal-grad rikjest mill-ligi. Haga li huwa m'ghamilx.

Illi kulma jsemmi l-attur hu illi huwa jhoss li B ttradietu meta zzewgitu, peress li ma zzewgitx biex tkun martu imma biex ikollha stat socjali ta' mara mizzewga. Jghid ukoll li hi diversi drabi ammettiet mieghu li hi kienet thobbu bhala omm mhux bhala martu u li kien ghalhekk li kienet tevita l-mumenti intimi ta' bejniethom. Huwa jghid li kieku kien jaf x'kienet se tkun l-attitudni ta' B lejh, ma kienx jizzewwigha. Izda mill-kumulu tal-provi jirrizulta illi din il-verzjoni tal-attur apparti li giet michuda mill-konvenuta, b'ebda mod ma giet ippruvata. M'hemm ebda prova li l-konvenuta b'xi mod habbitu biss bhala omm – anzi l-provi jindikaw mod iehor fis-sens li gie ppruvat li l-partijiet kien ikollhom x'jaqsmu (l-attur jghid ftit – il-konvenuta tghid regolarment) pero' l-fatt hu li kien hemm intimita' bejniethom. Kellhom zewgt itfal. Apparti minn hekk minn imkien ma jirrizulta li t-tnaqqis fl-intimita' ta' bejniethom kienet problema sa mill-bidu. Ghalkemm l-attur jghid li kienet sa mill-bidu nett, il-Qorti thoss li kieku veru hekk kien il-kaz, il-problemi fiz-zwieg kienu jinqalghu ferm qabel. Il-provi jindikaw li l-problemi x'aktarx inqalghu fin-1996/97. Biss biss il-konvenuta tghid li fi Frar 1997 marru btala u kienet serena, din ma gietx kontradetta mill-attur u kieku kien hemm problema ta' intimita' li ilha gejja zgur li l-atmosfera mhux ser tkun tali li l-koppja jmorru btala u din tkun 'serena'. Apparti minn hekk il-*conselling* beda jissemma biss lejn l-ahhar taz-zwieg u huwa wkoll fattur indikattiv li l-problema bdiet tqum lejn l-ahhar.

Illi *di piu* l-qerq jipprezumi d-*dolo* fuq min jipperpetrah u mill-provi prodotti zgur li ma jirrizultax li l-konvenuta b'xi mod riedet tqarraq jew qarrqet bl-attur.

Illi din l-Qorti rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur fejn huwa issostni li l-konvenuta kienet tinsisti li ma' kellhux ikun hemm intimita' qabel iz-zwieg, u l-konvenuta qarqet bl-attur ghaliex in verita' hija eskludiet din l-intimita' wara z-zwieg ukoll. Din il-Qorti thoss li meta wiehed ihares lejn ix-xhieda kollha prodotta, xejn minn dan ma jirrizulta.

Il-fatt li l-konvenuta ma' riditx li jkun hemm intimita' sesswali qabel iz-zwieg, din giet accetata mil-attur ghar-ragunijiet ovvji; prova li l-istess konvenuta innegat l-att taz-zwieg ma' l-attur ma' hemmx f'din l-kawza, u lanqas hemm prova li l-konvenuta *a priori* eskludiet l-att taz-zwieg fir-relazzjonijiet taghha ma' l-attur, jew qarqet bl-attur f'dan is-sens. Il-provi prodotti mill-attur jikkontrastaw ma' din l-allegazjoni attrici; anzi jinghad li bl-ebda mod l-attur f'dan il-kaz ma' ssodisfa l-oneru ta' prova li kien fuqhu.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti thoss li l-perit legali kien korrettissimu fil-konkuzzjonijiet tieghu, u din il-Qorti qed fil-fatt tabbraccahom u taghmilhom taghha, u abbazi ta' l-istess tikkonkludu li certament din il-kawzali ghandha tigi michuda.

Illi kwantu ghall-kawzali l-ohra ravvizata fl- **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, il-Qorti hi wkoll tal-fehema illi lanqas dan il-*caput nullitatis* l-attur ma rnexxielu jipprova. Fil-fatt l-**artikolu 19(1) (d)** jirrikjedi difett serju ta' diskrezzjoni b'mod partikolari fil-mument li jinghata il-kunsens. B'difett serju ta' diskrezzjoni il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha, fil-mument li jinghata l-kunses reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit huma dawk iz-zwigijiet li jistghu jkunu meqjusa validi skond il-ligi. In-nuqqas ta' diskrezzjoni hu kuncett guridiku marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta fi zwieg. Kif spjega l-gurista ***Colagiovanni:***

*"Il matrimonio, […], richiede una capacita'* ***intelletuale*** *e* ***volitiva*** *al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta', dato che… si tratta di assumersi una servitu per tutta la vita" (Forum 1990 Vol 1 part I, p72).*

Illi l-ligi fil-kaz ta' *gravis difectus discretionis judicii* ghandha tinftihem li qed tghid illi wiehed mhux biss ghandu jkollu maturita' intelletwali imma wkoll rieda, abbilta' fakultattiva ta' kritika u liberta' ta' ghazla jew ahjar

*'un integrita di mente e di liberta'*. Huwa ghaldaqstant imperattiv li biex Qorti tiddeciedi fuq il-*caput nullitatis* ta' difett serju ta' diskrezzjoni trid tkun konvintha illi xi wahda mill-partijiet kienet tonqos milli (1) turi gharfien koncettwali ta' xi jfisser zwieg, jew (2) kapacita li tevalwa l-vera tifsira, l-importanza u konsegwenza ta' kunsens f'kuntratt ta' zwieg, jew (3) jkollha dik il-liberta' ta' ghazla jew ahjar dak li jghid **Bersini** *'la piena avvertenza e il deliberato consenso'.*

Illi f'sentenza tat-tribunal Regjonali ta' Halifax, fil-Kanada **coram Morrisey** tat-23 ta' Gunju 1977 (riportata f' **Documetation II on Marriage Nullity Cases** - ***Hudson JE*** 1979 pg 188. gie deciz illi:-

*"When judging the validity or invalidity of a marriage, it is necessary to see whether, at the time of marriage, the parties were able to elict a valid critical judgment of the rights and duties to be given and received."*

Il-prova rikjesta f'dan il-*caput nullitatis* trid tohrog minn manifestazzjoni cara da parti tal-persuna li l-kunsens taghha huwa vvizzjat. Din il-manifestazzjoni tista' tkun espressa, possibilment, verbalment jew implicitament. Izda fl-assenza ta' prova espressa jew diretta, meta wiehed jidhol fil-kamp ta' prova implicita jew indiretta wiehed jirrikjedi studju ta' l-imgieba tal-persuna li taghha l-kunsens huwa allegatament ivvizzjat. Ghax fin-nuqqas ta' prova espressa huwa mill-imgieba tal-persuna li wiehed jista' jigbed l-intenzjoni tal-istess. L-imgieba kemm qabel, waqt, kif ukoll wara, fil-hajja mizzewga, ghandha titfgha dawl fuq il-vera intenzjoni tal-partijiet. L-ahjar prova ghal dan kollu trid tirrizulta mix-xhieda tan-nies li kellhom l-opportunita' josservaw ghal hin twil il-partijiet fil-hajja ta' kuljum taghhom fejn f'atmosfera ta' rilass johorgu l-veritajiet kollha.

Illi l-principju huwa car li min jallega jrid jipprova u kwindi kien jinkombi fuq l-attur li jgib prova li l-konvenuta kellha, qabel jew waqt l-enuncjazzjoni tal-kunsens taghha ghaz-zwieg, mankanza kritiko-valutattiva jew volitiva f'tali grad li jew ma kinitx kapaci turi gharfien koncettwali ta' xi jfisser

zwieg, jew ma kellhiex kapacita li tevalwa il-vera tifsira, l-importanza u konsegwenza ta' kunsens fil-kuntratt ta' zwieg, jew ma kellhiex dik il-liberta' ta' ghazla li hi necessarja ghal rabta taz-zwieg.

Illi l-Qorti thoss illi mill-provi prodotti ma gie ppruvat ebda wahda minn dawn il-mankanzi. La bi prova diretta u lanqas indiretta. Anzi din il-Qorti thoss li gie ppruvat posittvament li l-konvenuta kellha gharfien koncettwali carissimu dwar xi jfisser zwieg u dan immanifestatu sia qabel u anke waqt iz-zwieg u dan huwa manifest meta wiehed jirreferi ghax-xhieda kollha tal-konvenuta.

Illi fil-fatt gie ppruvat li qabel iz-zwieg hija kienet tghid li l-intenzjoni taghha li tizzewweg lill-attur kienet li hija riedet ikollha familja, ikollha t-tfal mill-attur u trabbi lill-isetss ulied, tghix u tixjieh mal-attur, u fuq kollox izzewget lilu ghax kienet thobbu. Min-naha l-ohra, waqt iz-zwieg jirrizulta li hija ittentat taghmel dan, u fil-fatt jirrizulta li dan ghamlitu wkoll fil-prattika billi meta kien hemm bzonn tahdem hadmet, meta kien hemm bzonn li tieqaf mix-xoghol ghat-tfal waqfet, habbet lill-zewgha, kellha t-tfal minnu, rabbiet lit-tfal, u hadet hsieb id-dar u lil zewgha bl-energija kollha taghha.

Illi ma hemm lanqas l-ebda dubju li l-istess konvenuta kienet konxja ta' x'inhuma l-obbligazzjoni taghha taz-zwieg u anke kif inghad aktar il-fuq, ma giex ippruvat li l-istess konvenuta eskludiet relazzjonijiet intimi ma' l-attur. Din hija u baqghet allegazzjoni ta' l-attur li assulutament ma' gietx ippruvata. Ma' hemm l-ebda prova li fil-kunsens taghha l-konvenuta, fi kliem l-attur, akkonsentiet ghall-att taz-zwieg bhala mezz ta' prokreazzjoni ta' ulied u mhux bhala mezz ta' unjoni *per se*. Il-provi kollha prodotti mill-konvenuta jikkontradixxu dan.

Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet fil-fatt l-attur jikkwotta lilu innifsu dwar dan, u din il-Qorti ma' ghandha l-ebda dubju li din hija t-tezi li l-attur avvanza f'din il-kawza; pero' din il-Qorti thoss li l-provi prodotti mehuda komplessivament imkien ma' jsostnu u wisq inqas jipprovaw it-tezi attrici, iktar u iktar abbazi ta' dan l-**artikolu 19 (1) (d).** Anzi din il-

Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li kull parti kienet konxja ta’ l-elementi kollha essenzjali taz-zwieg u kellha l-kapacita’ volitiva u diskrezzjonali li tasal ghall-kunsens validu taz-zwieg, kif fil-fatt sar.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali fejn dan ikkonkluda li ma giex ippruvat lanqas li l-konvenuta ma kinitx kapaci li tevalwa l-vera tifsira taz-zwieg.  In effetti jirrizulta li qabel iz-zwieg huma damu hames snin johorgu flimkien.  Zmien bizzejjed biex persuna ssir taf tajjeb persuna ohra.  Imkien mill-provi tal-attur ma jissemma li huwa b’xi mod hass li l-konvenuta kienet immatura jew inkapaci li tifhem ghal x’hiex kienet diehla.  Anzi bil-kontra wara 3 snin johorgu flimkien huma tgharrsu u dan ifisser li l-attur sab li tant kien tajjeb mal-konvenuta li xtaq li jmorru pass aktar vicin lejn zwieg – billi jitgharrsu.  Wara l-gherusija ghamlu sentejn ohra jippreparaw ghaz-zwieg.  F’hames snin, johorgu flimkien u jiltaqghu kuljum, kieku kien hemm xi mmaturita tali li tirrendi lill-konventa mhux kapaci tifhem il-pass li kienet diehla ghalih, xi sinjal kien ikun hemm u kieku kien hemm dan is-sinjal l-attur kien isemmieh. Pero’ l-attur f’paragrafu biss (l-ewwel wiehed tal-affidavit tieghu) tkellem dwar ir-relazzjoni taghhom qabel iz-zwieg u allura gjaladarba l-attur stess ma jsemmi ebda mankanza mit-tip deskritti aktar fid-dettal hawn fuq, il-logika titlob li l-konkluzjoni tkun li ma kien hemm ebda mankanza ta’ dan it-tip.  Apparti minn hekk il-konvenuta tiddeskrivi l-gherusija bhala wahda normali u kellhom l-istess gosti.  L-attur din il-verzjoni qatt ma kkontradixxiha.

Illi *di piu* huma marru l-kors ta’ kana, missierha xtralhom dar u ppreparaw ruhom ghaz-zwieg.  *Oltre* dan il-konvenuta tidher li kienet tintegra sew ma’ hbieb l-attur tant li baqghu fl-istess klikka ta’ nies u johorgu fil-*week-end* mal-istess grupp ta’ nies kemm waqt l-gherusija u kif ukoll sa hafna wara z-zwieg.  Kieku kien hemm xi mmaturita, l-attur messu ressaq bhala xhieda lil dawn in-nies li kienu saru jafu lill-konvenuta minn qabel ma zzewget. Izda minn dan ma sar xejn u allura anke hawn wiehed logikament ma jistax hlief jikkonkludi li l-attur naqas milli jgib provi in sostenn tat-talbiet tieghu.

Illi fit-tielet lok lanqas ma ngabet prova mill-attur li l-konvenuta kienet b'xi mod imxekkla milli taghti l-kunsens taghha b'mod liberu. Hija dahlet ghal din ir-rabta ghax kienet thobb lill-attur, riedet tifforma familja mieghu u tixjieh mieghu. Bl-ebda mod, allura ma jista jinghad li l-attur gab xi prova li l-konvenuta ma kellhiex liberta fix-xelta volitiva taghha.

Illi l-attur bhal donnu qed jippretendi illi n-nuqqas ta' diskrezzjoni jinsab fil-fatt illi skond hu l-konvenuta kienet thobbu biss bhala omm u mhux bhala martu u dan skond hu jirrizulta mill-fatt li hija ma kinitx tkun spiss intima mieghu anzi jghid illi kienet iddum tnaddaf biex tevitah. Jghid ukoll illi hija mhux veru izzewgitu biex tkun martu imma l-intenzjoni taghha kienet biss dik li takkwista stat ta' mara mizzewga u jkollha t-tfal.

Illi dan kollu ma jirrizultax mill-provi *stante* li din il-Qorti irrizultalha definitivament li l-intenzjoni tal-konvenuta kienet wahda kjarament intiza li tifforma zwieg u ben kompatibbli mal-elementi taz-zwieg. Anzi il-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-attur assulutament ma' rnexxilhux jipprova l-allegazjoni tieghu li l-konvenuta izzewget lilu biss biex ikollha t-tfal u takkwista stat ta' mizzewga. Certament ma' hemm xejn mill-provi x'jindika li l-konvenuta jew l-attur kellhom xi vizzju ta' kunsens.

Illi anzi mill-provi jirrizulta li l-koppja dahhlet ghal dan iz-zwieg b'mod mill-iktar trankwil u normali bl-intenzjoni espressa minn kull parti ta' mhabba u intiza ghall-unjoni dejjiema u bl-intendiment li joholqu famija flimkien anke bil-prokreazzjoni ta' l-ulied fiz-zwieg.

Illi dwar l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta kienet tevita li tkun intima mal-attur u li sahansitra kienet iddum sa tard fil-ghaxija tnaddaf biex tevitah, il-Qorti thoss illi fl-ewwel lok tali fattur jista' jkun inkwadrat fit-termini ta' nuqqas ta' diskrezzjoni biss jekk tali agir kien derivanti minn kundizzjoni magharufa bhala ***immaturita affettiva*** li trid tkun ukoll gravi u antecedenti ghaz-zwieg. Illi l-attur ma gab ebda prova in sostenn ta' dan.

Illi f'dawn il-kazijiet, l-aqwa *'test'* huwa dejjem iz-zmien u f'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta' April 1984 u kienu ilhom johorgu flimkien 5 snin qabel. Illi mill-provi jirrizulta illi l-konvenuta marret tkellem lil Father Sacco dwar il-problemi fiz-zwieg f'Awissu 1997 u dan skond hi ghaliex f'Gunju 1997 A kien qallha tghidlu xi trid sabiex huwa jitlaq. Huwa telaq mid-dar f'Novembru 1997. Ghalkemm l-attur jghid li z-zwieg taghhom mill-ewwel beda bil-hazin, huwa mar ikellem lil Dr. Giovanni Bonello biss ftit qabel ma effettivament telaq mid-dar. Il-*che* jfisser illi l-inkwiet serju fiz-zwieg beda jew fin-1997 stess jew sena, massimu sentejn qabel. Dan pero' jhalli mill-anqas 11-il sena zwieg fejn l-attur kien qed jghix mal-konvenuta, kellhom zewgt itfal - fi zminijiet differenti, bieghu d-dar li kellhom biex akkwistaw ohra u serje ta' fatturi ohra li jindikaw li z-zwieg kien miexi l-kors 'normali tieghu'.

Illi ma hemm l-ebda dubju li dan iz-zwieg iltaqa' ma' diffikoltajiet izda dan jista' jaghti lok ghall-firda personali izda certament mhux ghall-kaz ta' dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg. Mill-provi prodotti jirrizulta fil-fatt li l-kunsens tal-partijiet f'dan iz-zwieg kien validissimu, u fil-fatt il-partijiet ghexu ta' mizzewgin flimkien ghal zmien konsiderevoli sakemm inqala' l-inkwiet bejniethom, li fil-fatt ta lok ghall-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet, izda dan ma' huwa ta' l-ebda bazi ghall kaz ta' annullament.

Illi huwa minnu, u jirrizulta mill-provi, li kien hemm problemi intimi bejn il-koppja pero' dana certament ma jirrendix zwieg null. F'dan il-kaz bhala fatt gie pero' ppruvat li fuq kollox kien hemm unjoni bejn il-partijiet u wkoll intimita' tali li waslet sabiex l-istess partijiet kellhom ukoll it-tfal. Illi l-istess partijiet ghexu ghal snin twal minghajr ebda problemi, sakemm huma bdew ghal raguni jew ohra jonqsu fil-komunikazzjoni ta' bejniethom u dan wassal ghal birda bejniethom anke fir-relazzjonijiet intimi taghhom. Din ma hijiex bazi ta' annullament taz-zwieg, izda *semmai* bazi sabiex il-partijiet jisseparaw kif fil-fatt jidher li qed jipprovaw jaghmlu.

Illi fil-fatt it-tezi tal-konvenuta hija li l-intimita ta’ bejniethom mhux ma kinitx tezisti imma bdiet tonqos maz-zmien, u skond hi naqset biss lejn l-ahhar u minhabba l-egojizmu tal-attur innifsu li kien jippretendi li jkollu intimita’ meta u x’hin irid hu u ghal gost u pjacir tieghu minghajr konsiderazzjoni ta’ kif thossha hi. Huwa fil-kors normali tal-bniedem li jallontana ruhu jekk ihossu uzat u hekk kienet qed thossha l-konvenuta. Il-Qorti thoss li fl-optika ta’ annullament taz-zwieg it-tezi attrici bl-ebda mod ma’ giet ippruvata.

Illi hawn wiehed jirreferi wkoll ghal dak li xehed Father Sacco fejn dan jghid li abbazi ta’ dak li sema’ rrizultalhu li f’xi stadju taz-zwieg kien hemm problema ta’ intimita’ pero’ din giet deskritta b’dan il-mod u cjoe’ li *“hu qalli li l-problema kienet li kull meta kien jersaq lejha mhux dejjem kienet tkun trid”.* Din il-‘mhux dejjem’ tfisser li mhux f’kull okkazzjoni rrifjutat u allura ma kienx hemm negazzjoni totali ta’ rapport intimu, imma stat ta’ fatt fejn mhux kull darba li kien ikun irid l-attur il-konvenuta kienet lesta li takkonsentixxi. Wiehed ma jridx jinsa li l-bniedem mhux magna u ghal dawn l-affarijiet irid ikun hemm motivazzjoni mill-parti li trid l-intimita, turija ta’ mhabba, preparazzjoni, stat kalma fid-dar u trankwillita, hin u diversi fatturi ohra – dan mhux switch li tixghel x’hin trid u li jekk il-bozza ma tixghelx takkuza lill-parti l-ohra li mhux qed taqdi l-obbligi taghha. Apparti minn dan kollu l-konvenuta tat ragunijiet validissimi ghala hija mhux dejjem kienet tkun trid.

Illi mil-bqija din il-Qorti tirreferi ghal argumentazzjonijiet tal-perit legali u thoss li fl-ebda wahda mill-allegazzjonijiet ta’ –attur ma’ gew ippruvati u certament ma hemm l-ebda prova li tindika li l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien b’xi mod vizzjat; anzi l-provi prodotti juru l-kuntrarju u l-allegazzjonijiet ta’ l-attur baqghu kif kienu u kif inhuma biss allegazzjoni, bla ebda fondament fattwali u legali, u ghalhekk anke din il-kawza ta’ l-attur qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, **tichad it-talba attrici *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------